MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 951/2004

**Charles u Rita konjuġi Attard, Francis u Antoinette konjuġi Deguara**

***Versus***

**Mary Zammit u Antoinette aħwa Cremona**

Din il-kawża hija dwar konvenju; is-sentenza tallum hija dwar eċċezzjoni preliminari fuq disposizzjoni ta' l-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni.

L-atturi talbu illi l-qorti tikkundanna lill-konvenuti jbigħulhom proprjetà kif intrabtu li jagħmlu b'konvenjta' l-4 ta' Novembru 1999. Il-konvenuti ressqu din l-eċċezzjoni, fost oħrajn:

… … … din iċ-ċitazzjoni ma tistax tkompli tinstema', u dan a tenur ta' l-art. 40(2) tat-Taqsima VII ta' l-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni [Kap. 239] li d-disposizzjonijiet tiegħu għandhom igħoddu għal dawk it-trasferimenti taxxabbli li ġraw qabel il-25 ta' Novembru

1992, u dan bis-saħħa ta' riserva magħmula fl-art. 3 ta' l-Att XVI tas-sena 1993.

Din is-sentenza tallum hija dwar din l-eċċezzjoni.

L-art. 40 ta' l-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni jgħid hekk:

**40.** (1) Ebda persuna li hi marbuta li tippreżenta denunzja dwar trasferiment taxxabbli jew li għandha tħallas it-taxxa skond xi disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma tista', wara li jgħaddi ż-żmien preskritt għall-ippreżentar ta' dik id-denunzja, tibda jew tmexxi proċedimenti legali, jew tagħmel xi talba f'xi dipartiment tal-Gvern, dwar xi proprjetà li għandha tidħol f'dik id-denunzja jekk ma jiġix muri li d-denunzja tkun giet ippreżentata kif imiss u tinkludi l-proprjetà li għaliha jirreferu l-proċedimenti jew it-talba, u meta ż-żmien stabbilit għall-ħlas tat-taxxa jkun għadda, li dak il-ħlas ikun sar jew li l-Kummissarju jkun tawwal iż-żmien għal dak il-ħlas.

(2) In-nuqqas tal-prova li d-denunzja tkun ġiet ippreżentata jew li l-ħlas ikun sar jista' jiġi eċċepit mill-partijiet f'kull stadju tal-proċedimenti legali, u f kull każ għandu jitqajjem mill-qorti *ex officio.* Il-proċedimenti legali għandhom imbagħad jitwaqqfu minnufih u ma jistgħux jitkomplew qabel ma jiġi rimedjat in-nuqqas mill-persuna responsabbli għalih jew minn xi persuna oħra interessata.

(3) Fil-każijiet imsemmijin f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tagħti kull direttiva meħtieġa sabiex il-proprjetà li tkun l-oġġett tal-proċedimenti legali ma ġġarrab ebda pregudizzju.

(4) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux wara ii jgħaddi ż-żmien speċifikat fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 36 ta' dan l-Att.

Ma huwiex kontestat illi l-proprjetà li dwarha sar il-konvenju ġiet għand il-konvenuti bis-saħħa ta' "trasferiment taxxabbli", u illi d-denunzja relativa ma saritx. Il-liġi, iżda, iżżomm milli "tibda jew tmexxi proċedimenti legali" lil dik il-persuna "li hi marbuta li tippreżenta denunzja dwar trasferiment taxxabbli", u mhux lil min irid imexxi kontra dik il-persuna. Fil-każ tallum, il-persuni marbuta li jippreżentaw id-denunzja huma l-konvenuti, mhux l-atturi, u għalhekk id-disposizzjonijiet tal-liġi miġjuba fuq kienu jkun ta' tfixkil għall-konvenuti li kieku dawn riedu jiftħu kawża huma dwar il-proprjetà, iżda ma

humiex ta’ tfixkil għall-atturi biex jibdew u jmexxu l-kawża tallum.
Il-qorti għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni u tordna illi jitkompla s-smigħ tal-kawża. L-ispejjeż ta’ dan l-episodju tallum għandhom iħallsuhom il-konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------